MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 385/2011

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT Dr Francesco Depasquale
LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Rikors Nru 385/2011 FDP**

**Fl-ismijiet:**

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif issurrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Jean Pierre Deguara (ID 398981M), sija bil-polza u sija bil-Ligi, u l-istess Jean Pierre Deguara**

**vs**

**Kunsill Lokali Hamrun, Kummissarju ta' l-Artijiet u Awtorita' ghat-Trasport f'Malta.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-16 ta' Novembru 2010 fejn is-socjeta attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti in solidum sabiex ihallsuha s-somma ta' erba’ t’elef, sitt mija u erbgha u tletin Euro u tmienja u erbghin centezmu (€4,634.48) li jinkludu mija u ghoxrin Euro (€120) mhallsa bhala 'excess' mill-assikurat tas-socjeta rikorrenti, Jean Pierre Debono, rapprezentanti danni kkagunati in segwitu ta' incident li sehh fil-11 ta' Marzu 2010 quddiem il-binja 'Gattard House', fil-Blata l-Bajda, limiti tal-Hamrun, f'liema incident, kienet involuta l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni **JMS-179** proprjeta ta' l-assikurat tas-socjeta rikorrenti, li, fil-hin ta' l-incident, kienet ipparkeggjata u dawna d-danni kienu dovuti meta hajt formanti parti minn struttura ta' triq pubblika, cediet ghal fuq il-vettura imsemmija u dana unikament tort taghhom jew min minnhom, minhabba negligenza, nuqqas ta' prudenza u imperizja da' parte taghhhom jew min minnhom.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tad-19 ta' Awissu 2010 u tas-26 ta' Lulju 2011 u bl-imghaxiiet legali sal-gurnata tal-pagament effettiv kontrihom, li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' l-Awtorita ghat-Trasport ta' Malta ipprezentata fil-15 ta' Frar 2012 u r-risposta tal-Kunsill Lokali Hamrun ipprezentata fit 22 ta' Frar 2012.

Rat illi l-Kummissarju ta' l-Artijiet, ghalkemm notifikat fil-25 ta' Jannar 2012, baqa' ma dahhal ebda risposta, u ghalhekk, fis-seduta tas-27 ta' Frar 2012 gie ipprezentat

kapitolu fil-konfront tal-Kummissarju ta' l-Artijiet, u l-kawza giet differita ghas-7 ta' Mejju 2012 u ghall-14 ta' Mejju 2012 meta, ghal darbtejn, il-Kummissarju ta' l-Artijiet naqas milli jidher biex jikkontesta l-kawza in subizzjoni.

Rat illi fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2012 inghata sentenza fil-konfront tal-Kummissarju tal-Artijiet fejn il-Qorti laqghet it-talbiet attrici fil-konfront tal-Kummissarju ta' l-Artijiet u kkundannat lill-Kummissarju ta' l-Artjiet ihallas is-somma ta' erba' t'elef, sitt mija u erbgha u tletin Euro u tmienja u erbghin centezmu (€4,634.48) flimkien ma' l-ispejjez kollha kif mitluba mis-socjeta rikorrenti u bl-imghaxijiet legali skond il-Ligi.

Rat illi, wara li inghata is-sentenza, il-kawza giet differita ghat-12 ta' Lulju 2012 ghal informazzjoni dwar jekk is-socjeta rikorrenti hijiex ser tkompli bil-kawza kontra il-Kunsill Lokali Hamrun u l-Awtorita' Ghat-trasport f'Malta stante id-decizjoni tal-Qorti.

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2012, il-Qorti kienet infurmata illi l-partijiet ma waslux ghal transazzjoni u ghalhekk instemghet ix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti.

Rat illi l-partijiet qablu li l-kawza setghet tithalla ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kaz odjern, huwa car illi l-meritu tal-kaz huwa issa kollu sorvolat, la darba hemm sentenza fil-konfront ta' wahda mill-partijiet, u ghalhekk it-talba attrici hija gia milqugha fil-konfront tal-Kummissarju ta' l-Artijiet abbazi tas-sentenza tat-18 ta' Mejju 2012.

Illi ghalhekk il-Qorti ser tillibera mill-osservanza tal-gudizzju l-intimati Kunsill Lokali Hamrun u l-Awtorita' dwar it-Trasport f'Malta. .

Illi jirrizulta wkoll illi l-pendenzi bejn il-partijiet huma l-ispejjez li ghandhom jithallsu lis-socjeta rikorrenti.

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi, fis-sentenza taghha tat-18 ta' Mejju 2012, il-Qorti kienet allokat l-ispejjez kollha tas-socjeta rikorrenti a karigu ta’ l-istess Kummissarju ta' l-Artijiet.

Illi ghalhekk, ghal darba ohra, s-socjeta rikorrenti hija koperta ghall-ispejjez kollha illi hija inkorriet, peress illi l-Kummissarju ta' l-Artjiet ser ihallas ghal kollox, u ghalhekk is-socjeta rikorrenti ma ghandha ebda interess iehor illi tipprocedi kontra l-Kunsill Lokali Hamrun u l-Awtorita Ghat-Trasport f'Malta.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Ghalhekk, wara illi rat is-sentenza taghha tat-18 ta' Mejju 2012 fejn sabet lill-Kummissarju ta' l-Artjiet responsabbli ghad-danni kollha pretizi mis-socjeta rikorrenti, flimkien mal-ispejjez u l-imghax,

Tiddikjara illi l-meritu tal-kaz odjern huwa issa ezawrit u qieghda tillibera lill-intimati Kunsill Lokali Hamrun u l-Awtorita Ghat-Trasport f'Malta mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez kollha tas-socjeta rikorrenti ghandhom ikunu a karigu unikament tal-Kummissarju ta' l-Artijiet, kif gia stabbilit fis-sentenza tat-18 ta' Mejju 2012, filwaqt illi l-Kunsill Lokali Hamrun u l-Awtorita Ghat-Trasport f'Malta ghandhom ibaghtu l-ispejjez taghhom huma stess.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------